MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Numru 1321/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Maria Micallef)**

**Versus**

**Androcles Joseph Scicluna**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Androcles Joseph Scicluna bin Yvonne nee Scicluna, imwieled Londra nhar it-2 ta’ Novembru 1949 residenti ġewwa ‘Viva Malta’, Triq San Franġisk, Bormla u li għandu l-Passaport bin-numru 2001960P.

Akkużat talli fl-24 ta’ Settembru 2006 minn ġewwa l-parkeġġ li jinsab fi Triq il-Kbira Slieam neħħa l-vettura bin-numru ta-reġistrazzjoni CBB 043 tal-amrka Isużu Gemini li kienet tneħħiet minħabba li kieent qed toħloq ingombru u li

ġiet wara magazzinata fil-parkeġġ hawn fuq imsemmi u dan bi ksur tar-regolament 11 tal-Avviż Legali 94 tal-1997 (Liġi Sussidjarja 65.13) kif sussegwentement emendat b'diversi avviżi legali.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-istqarrija tal-imputat (fol 4), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 8, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex iċ-ċitazzjoni tkun korretta u d-dikjarazzjoni tal-imputat li kien qed jagħti ruħu notifikat b'tali bidla (fol 9), il-current incident report a fol 17, d-dokument SS a fol. 41 u d-dokumenti JB u JB1 a fol 55 u 56.

3. Semgħet ix-xhieda tal-imputat.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-imputat li hija wkoll dattilografata.

Ikkonsidrat

5. L-Ispettur Romina Veneziani xehdet li fl-24 ta' Settembru 2006 kienet infurmata li xi ħadd flok ħallas qabad u ħa l-karozza CBB 043. Din il-karozza tgħajjat lill-imputat. L-imputat qal li kien hu li ħa l-karozza. Lill-Ispettur dan il-każ kien jikkonċernha biss safejn il-karozza kienet ittowjata. Hija ma kellhiex x'taqsam ma' x'ġara fl-MIA.

6. Skond PS 513 Anthony Gerada, huwa kien infurmat minn Victor Bugeja bħala security tas-Sliema Car Park ġewwa High Street li l-karozza CBB 043, li kienet miżmuma ġewwa l-garaxx għax kienet towed il-jum ta' qabel, instaqet minn ġol-barrier tal-car park mingħajr ma kienet ħallset il-penali tat-towing. Meta mar fuq il-post, il-barrier kienet diġa' mwaħħla b'xi boldijiet għax kienet saritilha l-ħsara. Il-karozza kienet għaddiet minn ġol-barrier u qalgħet l-istrixxa.

7. Fil-kontro-eżami dan ix-xhud qal li Victor Bugeja kien ra lil persuna tipprova manwalment tiftaħ il-barrier u kien qallu biex jistenna daqsxejn sakemm imur jiftaħlu mill-control room. Sakemm kien sejjer ġewwa l-control room, din il-karozza għaddiet minn ġol-barrier u baqgħet sejra.

8. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat għażel li ma jirrispondix għall-mistoqsijiet li sarulu. (Fol 4).

9. Mill-current incident report, a fol 18, jirriżulta li l-imputat, meta kellmuh il-Pulizija (l-Ispettur Romina Veneziani) kien qal li l-karozza kienet ittowwjata illegalment, kienet qed tinżamm fil-car park illegalment, u li kellu d-dritt għall-propjeta' tiegħu.

10. Mix-xhieda ta' Victor Bugeja li huwa s-security officer fil-car park tas-Sliema jirriżulta li ra raġel jgħolli l-barrier u qallu biex jieqaf. Huwa qallu li ser jiftaħlu mill-guard room iżda dan qabad u ħareġ. Huwa kien ħa n-number tal-karozza liema karozza kienet ittowjata. Il-barrier sabha mqaċċta. Kemm kienet il-ħsara ma kienx jaf. Meta kien qal lir-raġel li kien qed jgħolli l-barriera li kien ser imur jiftaħlu, il-karozza kienet għadha wara l-barriera. Is-soltu min ikollu l-karozza towed iħalls Lm45 u ssirlu riċevuta u jiffirma. (Fol 24). Ma kienx hemm xi distanza bejn il-control room u s-central strip. (fol 25). Lill-persuna lanqas biss talbu flus iżda qallu li kien sejjer jiftaħlu.

11. Xehed ukoll Simon Stilon li kkonferma dak li kienqal Vcitor Bugeja u rrefera għas-CD li kien juri li l-inċident ġara bejn l-10.30am u l-11.00am. Huwa qal ukoll li meta karozza tkun towed, l-owner imur għand is-security. Fil-control room hemm qanpiena biex min ikun irid iħallas ikun jista' jdoqqha.

12. Is-CD esibit juri l-azzjoni kollha kif deskritta mix-xhieda preċedenti bis-security jkellem lil min kien qed jipprova jgħolli l-barrier u l-karozza ħierġa sparata bil-barrier għadha f'postha.

13. Xehed ukoll Joseph Borg li huwa Manager fl-iSterling Security li kienet towed mill-MIA fl-2006. Huwa xehed li

fit-23 ta’ Settembru, 2006 il-vettura CBB 043 tal-marka Izuz Gemini kienet towed mill-MIA. Huwa kkonferma li l-karozza kienet unattended u kienet f’post fejn mhux suppost kellha tkun ipparkjata. Filfatt hemm xi tlieta jew erba’ tabelli f’dan ir-rigward. Il-kumpanija li għamlet it-towing kienet l-RMF. Il-gwardjani kienu 209 u 225.

14. Xehed ukoll Brian Farrugia, legal officer fil-Licensing and Testing Directorate, li kkonferma li l-karozza CBB 043 tgħajjat lill-imputat.

15. Xehed il-Warden 225 Mark Zammit li kkonferma li l-karozza kienet ittowjata mill-MIA ring road u li ttieħdet fil-Car Park f’Tas-Sliema. Huwa ċaħad li s-sewweiq kien fil-karozza meta sar it-towing għaliex kieku ma kienx isir it-towing.
16. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-imputat ma riedx jinżel mill-karozza. L-imputat kien għalaq il-locks tal-bibien tal-karozza, xegħel l-air conditioner u beda jaqra ktieb.
Kulħadd beda jkellmu bl-edukazzjoni biex jinżel. L-imputat għamel siegħa u nofs fil-karozza u kulħadd beda jgħidlu biex jinżel mill-karozza għax ma tistax tibqa’ fiha iżda l-imputat baqa’ jippersisti.

.
17. Xehed ukoll il-warden 209 Melvin Darmanin . Huma qalu li l-vettura CBB 043 li kienet unattended u t-tabelli kienu jgħidu li ‘unattended vehicles will be towed.’ Kien alzaw il-karozza u għamluha biċ-ċineg. Meta tkun alzata mill-art sid il-karozza m’għandux il-pussess tagħha. Ġie l-imputat, daħal fil-karozza u ma riedx jinżel. Il-Pulizija qlaulu biex jinżel. Ix-xhud qal li ma setax iħalli l-imputat jitlaq li l-karozza tkun imqandla minn quddiem. (fol 68).

**Xhieda Difiża**

18. L-imputat xehed li kien marf l-ajruport iwassal lill-mara li marret iġġib trolley. Huwa ħareġ millp-karozza u niżżel il-bagalji u stgenna likll-mara ġġib it-trolley. Ftit war ra t-traffic wardens u truck tat-towing mal-karozza tiegħu. L-imputat daħal fil-karozza iżda l-wardens qalulu biex jinżel. L-imputat qal li l-karozza ma kenitx unattended. L-imputat

qal li hu kien mar jissellef Lm50 bl-intenzjoni li jħallas tat-twoing. (fol 74). Huwa ma sab ‘il ħadd fil-control room u beda jpaqpaq il-horn. Huwa ried joħroġ bi prudenza. Huwa għolla l-barrier biex iħollilha l-washers. Huwa saq la ġenba u kellu l-flus lest biex iħallas. Huwa kien għolla l-barrier iżda ma kellu ebda intenzjoni li jħallsha.

19. Is-sinjura Teresa Carabott ikkonfermat li keinet sellfet il-flus lill-imputat ħa jħallas tat-towing.

20. Xehdet Rose Marie Sicluna, mart l-imputat, li qalet li kien waqqafha fid-departures u marret iġġib trolley. Il-bqija ma kienet taf xejn.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. Għal dawk li huma fatti jirriżulta li l-imputat kellu l-karozza ttowjata mill-ajruport u li imbaħgad mar biex jeħodha mill-car park fejn kienet ittieħdet. Kemm mis-CD ippreżentat kif ukoll mix-xhieda jirriżulta li l-imputat kien għadda mill-barriera mingħajr ma kien ħallas.

22. L-imputat issottometta li l-karozza qatt ma jmissha kienet ittowjata. Bir-rispett kollu, l-wardens tal-MIA għamlu dmirhom. Raw il-karozza unattended, għax l-imputat niżel mill-karozza sakemm il-mara ġġib trolley u tieħu l-bagalji - u l-wardens iddeċidew li jittowjawha. Jekk l-imputat ħassu urtat bid-deċiżjoni tal-wardens, jew deherli li saret xi ħaġa illegali, kellu l-mezzi li ttih il-Liġi biex jispjega x’ġara u kien jista’ jikkontesta jekk it-towing sarx kontra l-liġi jew le bil-kwiet.

23. Iżda l-mertu tal-każ odjern huwa jekk l-imputat kisirx ir-regolament 11 tal-Avviż Legali 94 tal-1997 kif emendat.

24. Effettivament dan l-Avviż Legali jipprovdi hekk fir-regolament 3(1):
***‘Iżda oġġett ta’ ingombru li jkun ġie mneħħi, maħżun jew li jkun għadu fil-proċess li wieħed jiddisponi minnu, ma għandux jiġi ritornat lil sidu qabel ma jkun tħallas id-dritt impost mill-Kummissarju jew mill-Kunsill skond dawn ir-regolamenti.’***

25. Mill-provi jirriżulta li l-imputat ħareġ il-vettura tiegħu minn fejn kienet ipparkeġġjata wara li nġibdet mill-ajruport mingħajr ma ħallas dak li kien dovut.

26. Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-imputat li hu kien issellef il-Lm50 sabiex iħallas tat-towing u jieħu l-karozza. Iżda effettivament m'għamilx dan il-ħlas minħabba, li skond l-imputat, meta mar fil-control room ma sab 'il ħadd.

27. Iżda mill-provi jirriżulta wkoll li fil-control room kien hemm qanpiena li biha seta' jiġbed l-attenzjoni ta' min kien jieħu ħsieb il-post sabiex l-imputat seta' jħallas.

28. Barra minn hekk, meta kien ħiereġ l-imputat, jirriżulta (u jidher fil-video), li min kien in charge qallu biex jieqaf ħalli jmur u jiftaħlu l-barrier. Madanakollu l-imputat xorta qabad u għadda mill-barrier u ħa l-karozza qabel ma effettivament ħallas.

29. L-imputat seta' kien ilu jdur biex isib il-karozza tiegħu fil-car park. Seta' wkoll kien diżappuntat li l-karozza kienet ittowjata mill-ajruport. Imma dan mhux skużanti sabiex isuq il-karozza mingħajr ma l-barriera kienet infetħet mill-uffiċjal responsabbli meta min kien inkarigat qallu jistenna minuta ħalli jiftaħ.

30. It-tieni, l-imputat xorta ħa l-karozza meta ma kienx ħallas qabel. Ukoll jekk kellu kull intenzjoni li jħallas huwa xorta kiser ir-regolament numru 11 tal-Avviż Legali 94 tal-1997 'għax huwa jaqa'

***<u>'fil-kategorija ta' persuni mhux awtorizzata li neħħa oġġett ta' ngombru li jkun ġie mneħħi jew magazzinat'</u>***[1]

31. Hawn il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appelli (Inferjuri) fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Anthony Borg Inguanez' tas-26 t'Awwissu 1998 fejn il-Qorti kienet qalet hekk:

[1] Ara definizzjoni ta' 'oġġett ta' ingombru' fir-regolament 2.

‘Pero’ għal dak li jirrigwarda vetturi li jkunu ġew sempliċiment irmunkati skond ir-regolament 3 ma jidhirx li r-regolament in diżamina jipprovdi tassativament li l-vettura ma tistax tiġi ritornata lil sidha qabel ma jitħallas id-dritt tar-monk u tal-ħażna.’[2]

32. Wara din is-sentenza ir-regolament 3 tal-Avviż Legali 94 tal-1997 kien emendat u llum jipprovdi l-istess bħal fil-każ ta’ ‘clamping.’ Fl-istess sentenza huwa kkontemplat is-serq ta’ ħaġa tiegħek stess. Kif inbidlet ir-regolament, is-sitwazzjoni ġiet ekwiparata ma’ dik tal-clamping u jekk wieħed jaċetta l-insenjament tas-serq ta’ ħaġa propja, allura illum wieħed jista’ jiffaċċja imputgazzjoni ta’ serq jekk jieħu karozza rmunkata qabel iħallas id-dritt.

33. Iżda din l-imputazzjoni ma ngħatatx.

34. Għalhekk huwa ħati tar-reat dedott fl-imputazzjoni biss.

## Konklużjoni

35. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 54(g) u 55 tal-Kap 65, il-proviso tar-regolament numru 3 u l-paragrafu (1) tar-regolament 11 tal-Avviż Legali 94 tal-1997 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u qed tikkundannah iħallas amenda ta’ €58.50.[3]

36. Ma saret ebda talba min-naħa tal-Prosekuzzjoni ai termini tar-regolament 11(2) tal-Avviż Legali 94 tal-1997 u għalhekk il-Qorti mhix tapplika din il-parti tar-regolament.

---

[2] Ara Volum LXXXII.IV pag 306 et seq.

[3] L-imputazzjoni li taqa’ taħt l-Ewwel Skeda u lanqas taħt it-Tieni Skeda tal-Kap 65. Ma jeżisti ebda artikolu ieħor fl-istess Kap li jirregola l-għamil tal-imputat. Jibqa’ biss lir-regolamenti fir-regolament imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------